New South Wales
State Emergency Operations Centre

NSW Health

**Message from NSW State Emergency Operations Controller**

# Messaġġ mill-Kontrollatur tal-Operazzjonijiet tal-Emerġenza tal-Istat ta' NSW

# In-Novel Corona Virus (COVID-19)

## Lill-komunitajiet u l-familji tagħna

Il-Ministru tas-Saħħa ta' NSW, Brad Hazzard MP, ħareġ l-*Ordni 2020 (COVID-19 Kwarantina) tas-Saħħa Pubblika* skont sezzjoni 7 *tal-Att tas-sena 2010 tas-Saħħa Pubblika ta' NSW.*

L-Ordni li trid tkun segwita, tordna li persuna li tasal f'NSW minn pajjiż ieħor qabel il-wasla, iridu jiżolaw lilhom infushom, għal 14-il ġurnata. Dan ngħidulu il-perjodu tal-Kwarantina.

NSW qed tappoġġja il-Gvern tal-Commonwealth fl-implimentar ta' miżuri biex nikkontrollaw il-firxa tal-virus fl-Awstralja. Dan il-virus hu magħruf bħala **COVID-19.** Jissejjaħ ukoll **Novel Corona Virus.** Il-virus issa infirex fost numru ta' pajjiżi differenti u għalhekk hu magħruf bħala Pandemija.

Il-Commonwealth u l-Gvern Statali qed jitolbu li jkun hemm l-iżolament mill-persuna stess tal-persuni kollha li jidħlu fi NSW, inkluż vjaġġaturi li jirritornaw, viżitaturi internazzjonali, u dawk li huma diġà infettati mill-virus COVID-19, kif ukoll 'il-kuntatti mill-qrib' ta' każi COVID-19.

Skont *l-Att* tas-*sena 2010* tas-*Saħħa Pubblika* il-Pulizija ta' NSW għandha l-poter li tissapportja din l-inizjattiva ts-saħħa pubblika.

## X'għandek bżonn tkun Taf:

- Hi offiża jekk persuna ma tobdix l-*Ordni tas-sena 2020 (tal-Kwartina tal-COVID-19) tas-Saħħa Pubblika* tal-Ministru *tas*-Saħħa ($11,000 u/jew 6 xhur ħabs). Il-Pulizija ta' NSW ser ikomplu jaħdmu mill-qrib ma' Saħħa NSW u aġenziji oħra statali u tal-Commonwealth biex inaqqsu r-riskji tas-saħħa għall-komunità aktar mifruxa.

- L-iżolament mill-persuna stess hu importanti ħafna biex nislowjaw il-firxa tal-COVID-19. Dan hu mod effettiv ħafna biex tħares il-familja, il-ħbieb tiegħek u oħrajn fil-komunità.

- Iżolament mill-persuna stess flimkien ma' miżuri tajbin ta' iġene (bħala ngħidu aħna ħasil regolari tal-idejn u tisgħol fil-minkeb milwi) jislowjaw il-firxa tal-virus li jittieħed faċilment.

- Iżolament mill-persuna stess u iġene tajba jgħinu fil-ħarsien tal-aktar membri vulnerabbli tal-komunità li jinsabu fir-riskju li jimirdu serjament u jistgħu jiżviluppaw kundizzjonijiet serji li jistgħu jwasslu għall-mewt. L-iżolament mill-persuna stess inaqqas ukoll l-impatt tal-pandemija fuq servizzi essenzjali tas-saħħa li jsalvaw il-ħajja.

## X'hemm bżonn Tagħmel:

- Waqt li tiżola lilek stess int għandek timmonitorja lilek stess għas-sintomi tal-COVID-19. Jekk jiżviluppaw is-sintomi, irrapportahom lil HEALTHDIRECT fuq 1800 022 222. Jekk hi emerġenza, ċempel lill-Ambulanza u għidilhom li int tinsab iżolat f'darek stess.

- Tħallix darek matul il-perjodu tal-kwarantina ta' 14-il ġurnata għajr biex takkwista kura medika jew minħabba emerġenza. Dan ifisser li int m'għandekx toħroġ biex tixtri ikel jew għal xirja oħra; m'għandekx tmur għax-xogħol; m'għandekx tmur l-iskola/fil-post tal-kura tat-tfa/l-università; int m'għandekx tmur il-ġym u jew postijiet pubbliċi. Tista' tmur fil-gallarija jew fil-ġnien.

- Jekk tgħix ma' xi ħaddieħor, kemm jista' jista' jkun, int trid:
    - Tissepara ruħek minn persuni oħra f'darek u tuża kamra separata tal-banju jekk għandek waħda
    - Ilbes maskra kiruġika meta tkun fl-istess kamra ma' oħrajn
    - Evita postijiet li jintużaw minn persuni oħra u ilbes maskra kirurġika jekk int ikollok tgħaddi minn dawn il-postijiet
    - Toqgħodx f'kamra li fiha joqgħodu persuni anzjani jew persuni li għandhom kundizzjonijiet oħra tas-saħħa
    - Waqt li tkun qed tiżola lilek stess, ara li tnaqqas kemm tista' n-numru ta' viżitaturi li m'għandhomx bżonn ikunu hemm.

Li toqgħod id-dar ifisser li int:

- MA TMURX postijiet pubbliċi bħal ċentri tax-xiri, ix-xogħol, skola, postijiet tal-kura tat-tfal jew l-università
- Itlob lil xi ħadd iġiblek l-ikel u bżonnijiet oħra u jħallihom ħdejn il-bieb ta' barra
- IDDAĦĦALX GĦANDEK viżitaturi – daħħal biss il-persuni li s-soltu jgħixu miegħek

Jekk għandek bżonn l-għajnuna biex tikseb l-ikel u provisti essenzjali, ċempel il-Linja Nazzjonali ta' Tagħrif tas-Saħħa tal-Coronavirus fuq 1800 020 080 biex jirreferuk għall-aktar servizz adattat.

Grazzi tas-sapport tiegħek u l-kooperazzjoni tal-komunità. Aħna ma esperjenzaniex dan il-livell ta' infezzjoni riċentement u hemm bżonn naħdmu flimkien biex inaqqsu l-firxa ta' dan il-virus.

Tista' tikseb aktar pariri dwar l-iżolament tiegħek stess minn
https://www.health.nsw.gov.au/Infectious/diseases/Documents/covid-19-self-isolation-guidelines.pdf



Kontrollatur tal-Operazzjonijiet tal-Emerġenza tal-Istat
Id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija ta' NSW Gary Worboys APM
18 ta' Marzu 2020